

## Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Argo Kalda Mardi talu

Konvenut: Pöllumajanduse Registrite ja Informatciooni Amet (PRIA)

## Dispożittiv

- 1) L-Artikolu 93(1) u (2), l-Artikolu 94 u l-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux Stat Membru milli jipponi, bħala standard marbut mal-kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba previsti f'dak l-Anness II, il-konservazzjoni, fuq superfīċju agrikolu, ta' siti funebri mmarkati b'għebel, li ċ-ċaqliq tagħhom iwassal għal ksur ta' tali standard u, għaldaqstant, it-tnejis tal-pagamenti dovuti lill-bidwi kkonċernat.
- 2) L-Artikolu 72(1)(a), l-Artikolu 91(1) u (2), l-Artikolu 93(1) u l-Artikolu 94 tar-Regolament Nru 1306/2013, kif ukoll l-Artikolu 4(1)(b), (c) u (e) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-obbligi bbażati fuq kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba, previsti mir-Regolament Nru 1306/2013, għandhom jiġu osservati fuq l-imprija agrikola kollha u mhux unikament fuq is-superfīċju agrikolu li għalih tintalab ghajjnuna b'mod konkret.

<sup>(1)</sup> ĠU C 338, 9.10.2017.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tas-7 ta' Awwissu 2018 (talba għal deċiżjoni preliminari tar-Riigikohus – l-Estonja) – Viking Motors AS et vs Tallinna linn, Maksu- ja Tolliamet**

(Kawża C-475/17) <sup>(1)</sup>

**(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Tassazzjoni — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) — Direttiva 2006/112/KE — Artikolu 401 — Taxxi nazzjonali li għandhom in-natura ta' taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Projbizzjoni — Kunċett ta' “taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ” — Taxxa lokali fuq il-bejgħ — Karatteristiċi essenzjali tal-VAT — Assenza)**

(2018/C 352/17)

Lingwa tal-kawża: l-Estonjan

## Qorti tar-rinviju

Riigikohus

## Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Viking Motors AS, TKM Beauty Eesti OÜ, TKM King AS, Kaubamaja AS, Selver AS

Konvenuti: Tallinna linn, Maksu- ja Tolliamet

## Dispożittiv

L-Artikolu 401 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix iż-żamma jew l-introduzzjoni ta' taxxa, bħat-taxxa fuq il-bejgħ inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

<sup>(1)</sup> ĠU C 347, 16.10.2017.

—————

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tas-7 ta' Awwissu 2018 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Bundesgerichtshof – il-Ġermanja) – Verbraucherzentrale Berlin eV vs Unimatic Vertriebs GmbH**

(Kawża C-485/17) <sup>(1)</sup>

**(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Protezzjoni tal-konsumaturi — Direttiva 2011/83/UE — Artikolu 2 (9) — Kunċett ta' “post tan-negozju” — Kriterji — Kuntratt ta’ bejgħ konkluż fl-istand miżimum minn kummerċjant fl-okkażjoni ta’ fiera kummerċjali)**

(2018/C 352/18)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

## Qorti tar-rinviju

Bundesgerichtshof

## Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Verbraucherzentrale Berlin eV

Konvenuta: Unimatic Vertriebs GmbH

## Dispożittiv

L-Artikolu 2(9) tad-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, għandu jiġi interpretat fis-sens li stand, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, miżimum minn kummerċjant ffiera kummerċjali, li fih jeżerċita l-attivitàajiet tiegħi xi ġranet fis-sena, huwa “post tan-negozju”, fis-sens ta’ din id-dispożizzjoni, jekk, fir-rigward taċ-ċirkustanzi ta’ fatt kollha li jduru madwar dawn l-attivitàajiet, u b'mod partikolari tad-dehra ta’ dan l-istand u tal-informazzjoni mgħoddija fil-post fejn isseħħ il-fiera stess, konsumatur normalment informat u raġonevolment attent u avżat seta’ raġonevolment jistenna li dan il-kummerċjant jeżerċita fih l-attivitàajiet tiegħi u javviċinah sabiex jikkonkludi kuntratt, li hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika.

<sup>(1)</sup> ĠU C 392, 20.11.2017.

—————